# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 241/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Christian Demanuele**

Sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari ta' nullita' tar-rikors tal-appell interpost minn Christian Demanuele sollevata mill-Avukat Generali.

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Christian Demanuele detentur tal-karta ta' l-identita Maltija bin-numru 66176M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli personalment u/jew fil-kapacita' tieghu ta' impjegat jew ta' ufficjal principali jew ta' rapprezentant ta' kumpanija CS Motor Sports Ltd talli

matul is-snin 2010, 2011 u 2012, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37). liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta' Ashley Dayle Farrell minn (Eastern Caribbean) St. Kitts & Nevis, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju;

2.Talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disghin u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta' Ashley Dayle Farrell minn (Eastern Caribbean) St. Kitts & Nevis;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-17 ta' Marzu 2021, li biha cahdet l-eccezzjoni sollevata mill-imputat u ddikjarat li l-imputat ghandu jghaddi proceduri ghar-reati lilu addebitati u dan a bazi tal-EAW li permezz tieghu huwa ngab Malta;

Rat ir-rikors tal-appellant Christian Demanuele pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 t'April 2021 li bih talab lil din il-Qorti jogghobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn cahdet "l-eccezzjoni tal-imputat u tiddikjara li l-imputat ghandu jghaddi proceduri ghar-reati lilu addebitati f'dawn il-proceduri u dan a bazi tal-istess EAW li permezz tieghu huwa ngab Malta.." w minnha tilliberah billi tilqa' l-eccezzjoni tieghu u tiddikjara li l-imputat m'ghandux jghaddi minn proceduri ghar-reat/i lilu addebitati w dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-partijiet fis-sottomissjonijiet orali taghhom;

Ikkunsidrat:

1. Illi kif gia senjalat *supra*, din hija sentenza preliminari fuq l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell interpost mill-appellant Christian Demanuele. Ghalhekk tajjeb li jkun traccat l-isfond ta' dak li ta lok ghal dan ir-rikors ta' appell. Issa, kif jixhdu l-atti processwali, permezz ta' tahrika bid-data tal-14 ta' Marzu, 2013. l-imputat kien mixli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja bl-imputazzjonijiet hemm dedotti izda l-procediment qatt ma mexa 'l quddiem hlief mit-8 t'Ottubru stante li l-imputat ma setghax ikun traccat. Minkejja dan xorta wahda ma sar xejn ghal zmien twil wara diversi talbiet ghall differiment sia minn naha tal-imputat kif ukoll minn naha tal-prosekuzzjoni. Wara bdil fil-komposizzjoni tal-Qorti, rega' sehh dewmien minhabba talbiet ghal-differiment u nuqqas tal-imputat li jidher sakemm finalment deher fl-udjenza tal-10 t'Ottubru, 2018;

2. Illi fl-udjenza appena indikata, l-imputat ecepixxa li l-proceduri kontra tieghu ma jistghux jitkomplew stante li hu kien ingieb Malta bis-sahha ta' Mandat ta' Arrest Ewropew sabiex ikun processat dwar fatti ohra indipendenti minn dawk odjerni u ghalhekk kien qed jinvoka ir-Rule of Speciality emergenti mir-regoli dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew. Sussegwenti ghal din l-eccezzjoni, l-ewwel Qorti epurat id-decizjoni taghha fis-17 ta' Marzu, 2021 u ghazlet li tintesta din id-decizjoni bil-kliem "*Sentenza dwar l-eccezzjoni tal-iSpeciality Rule".* Din l-ahhar osservazzjoni qed issir minhabba li l-Avukat Generali jikkunsidra din id-decizjoni bhala digriet interlokutorju u mhux sentenza preliminari.

3. Illi fid-decizjoni appena msemmija u mertu ta' dan l-appell, l-ewwel Qorti kkonkludiet hekk:

> *"Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u in linea mal-imsemmija principji legali, ai termini tal-Framework Decision Numru: 2002/584/JHA: "Council Framework Decision of 13 June 2002 on the European Arrest warrant and the surrender procedures between Member States", u in partikolari tal-Artikli 26 u 27 ta l-istess, qieghda tichad din l-eccezzjoni tal-imputat u tiddikjara li l-imputat ghandu jghaddi proceduri ghar-reati lilu addebitati f'dawn il-proceduri u dan a bazi tal-istess EAW li permezz tieghu huwa ngab Malta"*

4. Illi fl-appell tieghu dwar din id-decizjoni, jidher li l-appellant jillanja l-istess bil-gravam li jista' jitqies bhala interpretazzjoni jew applikazzjoni hazina tal-ligi u jsostni li legalment ghandu ragun u hu konfortat minn diversi decizjonijiet ta' qrati fl-esteru li la darba huwa ingieb Malta permezz ta' Mandat ta' Arrest Ewropew sabiex ikun iprocessat dwar fatti partikolari ma setghax fl-istess waqt ikun processat dwar fatti li ma kienux indikati fl-istess mandat. Issa dak li

din il-Qorti trid tiddeciedi dwaru f'din is-sentenza f'dan l-istadju mhix il-lanjanza appena esposta izda l-eccezzjoni mqajjma mill-Avukat Generali fl-udjenza tal-24 ta' Marzu, 2022 li qed tkun hawn riprodotta segwita bir-risposta tal-istess appellant:

> "L-Avukat Generali jecepixxi n-nullita' tar-rikors tal-appell tal-appellant u dan in vista tal-esposizzjonijiet tal-artiklu 415 sub article (1) tal-Kodici Kriminali. L-Avukat Generali jissottometti wkoll illi d-deizjoni tas-17 ta' Marzu, 2021 tal-Qorti ta-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Monica Vella ma hijiex appellabbli f'dan l-istadju, fejn ghad ma hemmx sentenza finali fuq il-mertu u dan minhabba l-fatt li d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati mhix qed izzomm il-kawza milli titmexxa 'l quddiem, u allura appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati dwar jekk il-kawza ghandhiex timxi 'l quddiem jew le jista' jsir biss mas-sentenza finali dwar il-mertu tal-kawza. Stante li d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li minnha sar appell mhux appellabbli f'dan l-istadju, ir-rikors tal-appell huwa irritwali u null u konsegwentement, l-Avukat Generali jissottometti li din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni tal-aggravji migjuba fir-rikors tal-appell.
>
> Dr. Busuttil ghall-appellant jirrileva li huwa ghandu dritt jinterponi appell mid-decizjoni tal-Ewwel Qorti sabiex iwaqqaf din l-istess Qorti li tkompli tisma' l-mertu stante illi huwa ngieb Malta ghal raguni specifika, bis-sahha ta' mandat ta' arrest Ewropew u konsegwentement ma jistax ikun processat fuq allegazzjonijiet li ma humhiex imnizzla fl-istess mandat u li dwarhom tregga lura Malta".

5. Illi ezaminati l-atti processwali, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi hemm karenza procedurali ta' natura serja fl-osservanza ta' dak li

kellu jsir b'mod tassattiv qabel biss kienet registrata l-opposizzjoni tal-imputat appellant. It-tieni fatt li bih huwa imputat l-appellant jeccedi l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati ex artikolu 370 (1) tal-Kodici Kriminali. Din fil-fatt timporta piena ta' prigunerija minn sena sa seba' snin tant illi l-Pulizija ressqet lill-imputat quddiem l-ewwel Qorti permezz ta' tahrika introdotta fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u dan naturalment ghaliex l-Avukat Generali ma kienx ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja. Kien ghalhekk inkombenti fuq il-Qorti Istruttorja sabiex meta l-imputat finalment deher quddiemha fit-8 t'Ottubru, 2014 ssegwi dak li jipprovdu l-artikolu tas-Sub-titolu II tat-Tiolu I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha, dak iz-zmien, fl-ewwel lok tisma r-rapport bil-gurament tal-ufficcjal tal-Pulizija, jew bl-emendi li sehhew fis-sena 2021 tisma l-akkuzi mressqa mill-Avukat Generali, skond il-kaz, tezamina bla gurament lill-imputat u tisma l-provi li jingiebu biex isahhu r-rapport fejn kollox ghandu jitnizzel bil-miktub ex artikolu 390(1) tal-Kodici Kriminali. L-ezami tal-imputat imbaghad jissokkta bil-mod provdut fl-artikolu 392 u minn hemm 'l quddiem tkun segwita l-procedura applikabbli ghall-kull kumpilazzjoni quddiem Qorti Istruttorja kif ravvizati fit-titolu appena indikat;

6. Illi din hija kwistjoni ta' ordni pubbliku u ma jistghax jinqabel mod iehor bejn il-partijiet tant li ghandha tkun sollevata minn din il-Qorti *ex officio*. Il-Qorti fliet l-atti b'mod minizjuz u sakemm dawn gew fil-pussess taghha ma tirrizulta ebda haga li tista' b'xi mod anke remotament titqies li kienu skontati l-obbligi tal-Qorti fit-tmexxieh tal-kawza. Konsegwentement, l-ewwel Qorti ma setghetx tipprocedi bis-smiegh tal-kawza, tippermetti li ssir it-talba mertu tal-appell u wisq anqas taghti decizzjoni dwarha;

7. Illi din il-Qorti ghalhekk qed tiddikjara l-proceduri migjuba quddiemha irriti u nulli minhabba karenza ta' osservanza ta' regoli procedurali essenzjali u filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjri tar-rikors tal-appell, tordna li l-atti jkunu rimandati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex il-kumpilazzjoni tissokta skond il-ligi.